RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F29**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Gimgha 17 ta' Gunju 2011 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frans Chircop | Kunsillier |

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li items 11, 12 u 13 jigu diskussi qabel l-items l-ohra peress li minhabba mpenji ohra ma setghax jibqa` ghal-laqgha kollha. Il-Kunsill approva.

**11.00 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

11.01 Is-Sindku Alexander Craus talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv taqra r-rapport tal-Bord ta' l-Għażla, liema rapport jinsab anness ma' dawn il-minuti. Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv

11.02 Il-Kunsillier Rudolf Grima saħaq li għandu fiduċja sħiħa fil-Bord ta' l-Għażla u għaldaqstant qabel mal-proposta tiegħu li l-Kunsill jagħżel lis-Sna. Orietta Masini Cardona sabiex tokkupa din il-kariga. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel Nem.Con.

11.03 Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgħa li skond Memo 53/2011, wara li tinħareġ l-ittra tal-Ħatra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kunsill għandu jitlob lill-Awditur Ġenerali biex isir *Mid-Term Audit* tal-Kunsill.

**12.00 Jum ir-Rabat**

12.01 Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera prezenti. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ma jaqbilx li din il-gurnata ghandha tigi ccelebrata fost il-gimgha, peress li jhoss li anqas ikollna konkorrenza. Huwa ppropona li tigi ccelebrata fl-ewwel Hadd ta' xi xahar, ma taghmilx differenza liema xahar. Jum ir-Rabat

12.02 Il-Kunsillier Rudolf Grima jaqbel li l-Kunsill ghandu jidentifika gurnata partikolari

KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

pero sahaq li jekk Jum ir-Rabat jahbat mal-Festa tal-Madonna tac-Cintura, ghal dik is-sena biss Jum ir-Rabat jigi ccelebrat il-Gimgha.

12.03 Is-Sindku Sandro Craus ippropona li Jum ir-Rabat ghandu jkun abbinat ma' gurnata partikolari u mhux jigi ccelebrat bil-fors fil-weekend. Huwa ippropona t-2 ta' Settembru peress li huwa abbinat ma' l-Irvellijiet tal-Maltin kontra l-Francizi. Huwa kompla billi qal li dan il-Jum ghandu jigi ccelebrat b'serata semplici, b'attivita b'element storiku fejn kull sena tintghazel pjazza differenti fejn tittella din l-attivita`. Waqt din l-attivita ghandu jinghata 'Gieh ir-Rabat'. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill approva.

** Il-Kunsillier Antoine Borg dahal ghal-laqgha fit-7.45 p.m.

**13.00 L-Attivita tat-2 ta' Ottubru 2011 (Skema ta' Inizjattiva Attivitajiet 2011)**

13.01 Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera kollha prezenti dwar dan is-suggett. Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li l-Kunsill jitlob lis-Segretarjat tal-Prim Ministru fejn nitolbuhom biex nergghu ncaqalqu d-dati peress li t-2 ta' Ottubru ser jahbat man-Notte Bianca. Huwa ppropona wkoll li l-attivita taghna titella fit-8 u d-9 ta' Ottubru 2011. It-tema ghandha tkun 'Rabat Arts Festival'. Huwa kompla billi qal li kif ikollna d-dati stabbiliti, ghandu jitwaqqaf kumitat. Is-Sindku Sandro Craus ma jaqbilx li jkollna kumitat, izda li kull Kunsillier jiehu hsieb attivita`. Il-Kunsillier Rudolf Grima jaqbel mas-Sindku li kull Kunsillier ghandu jkun involut, pero fl-ahhar mill-ahhar huwa mportanti li jkollna kumitat sabiex ix-xoghol ma jehilx. Ghaldaqstant, gie deciz li l-Kunsilliera li se jaghmlu parti minn dan il-Kumitat huma s-Sindku Sandro Craus, il-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsilliera Rudolf Grima, Antoine Borg u Robert Micallef. Il-Kunsill approva.

L-Attivita tat-2 ta' Ottubru 2011

13.02 Saret diskussjoni dwar x'ser jigi organizzat f'dan il-weekend. Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li tinxtghel l-'sky line' tar-Rabat sabiex in-nies nattirawhom lejn ir-Rabat. Huwa ppropona wkoll li l-'landmark' li ghandna r-Rabat, il-kampnar ta' Santu Wistin li huwa maghruf bhala s-Sultan tar-Rabat ghandu jinxtghel ukoll b'dawl apposta. Din il-proposta ntlaqghet tajjeb mill-Kunsilliera prezenti u ghaldaqstant, il-Kunsillier Grima gie mitlub jigbor l-istimi sabiex naraw xi spejjez tinvolvi.

13.03 Il-Kunsillier Grima ppropona li l-Kunsill ghandu jaghmel kuntatt ma' l-Ghaqdiet u r-ristoranti tac-centru tar-Rabat fejn inhegguhom biex jiehdu sehem f'din l-attivita billi jorganizzaw attivita`, u l-qliegh imur kollu ghalihom. L-importanti li l-attivita tigi kkordinata sabiex ikun jista jithejja l-programm. Huwa kompla billi qal li ghandna nidentifikat 'street artists' sabiex jinfirxu mat-toroq dojoq tac-centru taghna. Lis-sidien tal-hwienet nitolbuhom jifthu sa l-10 ta' bil-lejl sabiex huma wkoll jigwadannjaw minn din l-attivita`. Huwa kompla billi qal li kull sena ghandu jitella 're-enactment' biz-zminijiet differenti.

13.04 Il-Vici Sindku Doris Coleiro ppproponiet li jekk naghmlu r-Roman Era, nghidu lil tar-Ristoranti biex jaghmlu l-'wine stalls'.

13.05 Il-Kunsillier Robert Micallef ippropona li ndahhlu lill-bdiewa f'din l-attivita` sabiex nghinuhom ibieghu l-prodotti taghhom. Huwa ppropona li jaghmlu 'stalls' puliti u uniformi fl-akwata ta' Santu Wistin.

13.06 Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel il-kuntatti mehtiega sabiex x-xelter li jinsab fi Triq San Luqa jinfetah ghall-pubbliku.

13.07 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li l-attivitajiet tas-Sibt jibdew mis-6.00 'l quddiem u dawk tal-Hadd isiru bejn id-9.00 a.m. u l-5.00 p.m. Il-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| | approva. | |
| ** | Il-Kunsillier Rudolf Grima hareg mil-laqgha fit-8.00 p.m. | |
| **1.00** | **Qari u approvazzjoni tal-Minuti F26** | |
| 1.01 | Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F26 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mil-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-minuti gew approvati. | Approvazzjoni tal-Minuti F26 |
| **2.00** | **Korrezzjonijiet F26** | |
| 2.01 | Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. | Korrezzjonijiet F26 |
| **3.00** | **Punti Mqajma F26** | |
| 3.01 | 4.07 Is-Sindku ppropona li ssir rampa temporanja mal-genb ta' l-entratura principali tal-Kunsill, kif ukoll tinbidel l-antiporta sabiex persuni b'siggu tar-roti u nisa bil-*pushchairs* ikunu jistghu jibqghu dehlin fil-bini tal-Kunsill minghajr problemi. Il-Vici Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. | Skema dwar l-Accesibilita ahjar fil-lokalitajiet |
| 3.02 | 17.01 Il-Kunsillier Robert Micallef ghandu jara l-kuntratt. Huwa ppropona li fejn hu possibbli ninvolvu l-bdiewa taghna. | Castagnole delle Lanze |
| **4.00** | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha B'Urgenza F27** | |
| 4.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-laqgha b'urgenza F27 jittiehdu bhala moqrija. Issekondat din il-proposta il-Vici Sindku Doris Coleiro. | Qari u approvazzjoni tal-minuti F27 |
| **5.00** | **Korrezzjonijiet F27** | |
| 5.01 | Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. | |
| **6.00** | **Punti Mqajma F27** | |
| 6.01 | Ma kien hemm l-ebda punti mqajma. | |
| **7.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza** | |
| 7.01 | Is-Sindku nforma l-laqgha li s-Segretarjat ghat-Turizmu, l-Ambjent u l-Kultura, is-Segretarjat responsabbli mill-Kunsilli Lokali u d-Direttorat tat-Turizmu flimkien mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ser jorganizzaw Seminar dwar kif il-Kunsilli Lokali jistghu jippromwovu ahjar il-lokalita taghna ghat-turisti. Dan is-seminar ser isir fl-1 ta' Lulju 2011 u huwa miftuh ghall-Kunsilliera kollha u l-membri tal-Kumitati Amministrattivi. Il-membri li kkonfermaw l-attendenza taghhom huma s-Sindku, il-Kunsillier Rudolf Grima u l-Vici Chairperson tal-KA tal-Bahrija s-Sur Paul Galea. | Seminar fl-1 ta' Lulju 2011 |
| 7.02 | Is-Sindku nforma l-laqgha li ghal-ewwel darba sar ftehim mal-Koperattiva tal-Bdiewa tar-Rabat fejn huma ser jarmawlna stand fl-Imnarja minghajr l-ebda hlas u ahna bhala Kunsill se nghinuhom sabiex ikunu jistghu jarmaw stand huma wkoll minn fejn ikunu jistghu ibieghu l-prodotti taghhom. Il-Kunsill minn naha l-ohra ser jipprovdilhom il-banner. Il-Kunsill approva. | Wirja ta' l-Imnarja 2011 |
| 7.03 | Is-Sindku qara ittra mibghuta mill-Health Promotion and Disease Prevention Department dwar l-Aerobic Lessons li qed isiru fic-Centru Parrokkjali tan-Nigret. | |

Dawn il-lezzjonijiet kienu ta' success u ghaldaqstant dan id-Dipartiment qed jerga jitlobna biex niffirmaw agreement ghal sena ohra. Huma qed jitolbuna wkoll sabiex jekk inhu possibbli nsibu post li jesgha 25 –il persuna f'kull lezzjoni peress li prezentament l-post jesa massimu ta' 18 –il ruh u ghandhom 43 –il persuna fil-*waiting list*. Is-Sindku nforma l-laqgha li l-qassis li jiehu hsieb ic-centru tan-Nigret diga kellmu, fejn qallu li jekk hemm il-hsieb li jerghu jigu organizzati dawn it-tip ta' lezzjonijiet, huwa kien ser jitlob ghall-kumpens minhabba d-dawl. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi saqsa jekk dawn il-lezzjonijiet humiex miftuha ghar-Rabtin biss. Is-Sindku wiegeb li dawn huma miftuhin ghal-lokalitajiet kollha. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li dawn il-lezzjonijiet ghandhom ikunu miftuhin ghar-Rabtin biss. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Robert Micallef. Il-Kunsill approva.

**8.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Bahrija A 08**

8.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Bahrija A08 jittiehdu bhala moqrija. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Robert Micallef. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Bahrija A08

**9.00 Minuti Kumitat Amministattiv tal-Virtu A09**

9.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A09 jittiehdu bhala moqrija. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Virtu A09

**10.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

10.01 Is-Sindku tkellem dwar kont numru 3454. Dan huwa l-kont ta' l-ispejjez legali tal-konjugi Giordmaina. Huwa spjega kif hu flimkien ma' l-Ex Segretarju Ezekuttiv Franco M Azzopardi, ghamlu ftehim mal-konjugi Giordmaina li jekk kemm il-darba kienu ser iwaqqghu l-kawza li kienu fethu kontra l-Kunsill Lokali tar-Rabat u kontra t-Transport Malta l-Kunsill kien lest li jhallsilhom l-ispejjez legali. Dan qed isir minhabba l-fatt li t-Transport Malta waqqfet pagament ta' €65,000 lill-Kunsill Lokali tar-Rabat minhabba din il-kawza u ghalhekk l-kuntratturi Bonnici Brothers ma setghux jitthallsu. Il-kuntratturi Bonnici Bros. kienu ser jifthu kawza kontra l-Kunsill taghna biex jitthallsu l-ammont dovut kif ukoll ghall-interessi u l-ispejjez marbuta ma' din il-kawza. Ghalhekk ittiehdet id-decizjoni biex l-familja Giordmaina jigu avvicinati sabiex iwaqqghu l-kawza. Ghaldaqstant, is-Sindku ppropona li ghandu jithallas l-ammont ta' Euro 1185.60 skond il-kont mahrug mill-Qorti halli l-kaz jinqata darba ghal dejjem. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill approva Nem.Con. — Konjugi Giordmaina vs Kunsill Lokali Rabat vs Transport Malta

10.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-pagament numru 3468 ghandu johrog f'isem is-Sinjorina Graziella Tanti peress li l-hlas lil Gasan Mamo Insurance kien diga sar mis-Sna Tanti. Dan il-kont huwa tat-'travelling insurance' tal-Konferenza taz-Zghazagh li kienet attendiet ghaliha, hekk kif kienet giet innominata mill-Kunsill Lokali taghna waqt laqgha numru F17. — Konferenza taz-Zghazagh

10.03 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 197 tigi approvata kif emendata. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Çoleiro.

**14.00 Bye-Law dwar il-Kontroll tal-Hamiem**

14.01 Is-Sindku ppropona li din il-bye law tittiehed bhala moqrija u talab li tigi approvata sabiex nibghatuha d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex tigi ppubblikata. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva. — Bye Law dwar il-Kontroll tal-Hamiem

**15.00 Hrug ta' offerta ghax-xoghol ta' manutenzjoni fuq il-Katakombi ta' Santu Wistin (Archaeotur)**

15.01 Is-Sindku informa l-laqgha li l-Kunsill flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Mosta, l-Heritage Malta, l-MTA u l-Comune di Ragusa rbahna l-fondi tal-Archaeotur (Italia – Malta 2007 – 2013) . Fejn ghandna x'naqsmu ahna, l-Kunsill ser jirrestawra l-Katakombi ta' Santu Wistin. Ix-xoghol ta' restawr ser isir f'zewg postijiet Malta, ir-Rabat u l-Mosta u zewg postijiet Sqallija, Santa Croce Camarina u Ragusa. Il-pass li jmiss hu li jigi ffirmat il-kuntratt fl-20 ta' Lulju 2011 gewwa Ragusa.
Huwa kompla billi spjega li huwa stmat li fl-Imdina jidhlu nofs miljun turist u ghalhekk wiehed mit-touch screens irid ikun fl-Imdina sabiex ingibu t-turisti lejn ir-Rabat. Il-Heritage Malta qed tipproponi li wiehed minnhom isir gewwa l-Palazzo Vilhena peress li filghaxija jinghalaq l-access ghall-pubbliku. B'hekk nevitaw li jsir xi vandalizmu fuqu.
Ghaldaqstant, huwa qed jipproponi sabiex il-Kunsill johrog sejha ghall-offerti sabiex isir xoghol ta' manutenzjoni fuq il-Katakombi ta' Santu Wistin. Il-Vici Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta.

Hrug ta' Offerta ghax-Xoghol ta' manutenzjoni fuq il-Katakombi ta' Santu Wistin

15.02 Is-Sindku spjega wkoll li l-Kunsill ghandu japponta tlett delegati sabiex jaghmlu parti mit-tlett kumitati ta' dan il-programm. Dawn il-kumitati huma l-'Project Committee', l-'Steering Committee' u l-'Comitato Tecnico'. Huwa ppropona li t-tlett membri jkunu hu bhala Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv il-gdid, kif ukoll id-Deputat Segretarju Ezekuttiv Roberta Ciantar. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill approva Nem.Con.

**16.00 Hrug ta' offerta ghas-servizz ta' accountant**

16.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kwotazzjoni ghas-servizz ta' accountant waslet biex taghlaq. Peress li l-accountant matul is-snin zdiedlu x-xoghol, huwa qed jipproponi li tinhareg sejha ghall-offerti minnflok kwotazzjoni. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg.

Hrug ta' offerta ghas-servizz ta' accountant

**17.00 Hrug ta' offerta ghall-provvista u tqeghid ta' konkos**

17.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li din l-offerta kienet waslet biex taghlaq. Ghalhekk huwa ppropona li din terga tohrog. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar.

Hrug ta' offerta ghall-provvista u tqeghid ta' konkos

**18.00 Hrug ta' offerta ghat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika tal-Bahrija**

18.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li din l-offerta giet diskussa fil-Laqgha tal-KA tal-Bahrija. Il-Kumitat Amministrattiv qabel li ghandna nohorgu kwotazzjoni minnflok offerta. Il-Kunsill qabel.

Hrug ta' offerta ghat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika tal-Bahrija

**19.00 Hrug ta' offerta ghat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita**

19.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li din l-offerta waslet biex taghlaq. Din l-offerta kienet amalgamanta ma' l-offerta tal-latrina pubblika ta' Gnien Bir Iljun. Huwa ppropona sabiex din l-offerta tohrog separata minn dik ta' Gnien Bir Iljun. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech.

Hrug ta' offerta ghat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita

**20.00 Hrug ta' offerta ghat-Tinif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Gnien Bir Iljun**

20.01 Is-Sindku ghamel referenza ghal-item 19.00. Huwa ppropona li din l-offerta tohrog separata. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Robert Micallef.

Hrug ta' offerta ghat-tindif u

manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Gnien Bir Ilјun

**21.00 Hrug ta' offerta ghat-tbattil u tindif ta' litter bins, dog bins u ashtrays**

21.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li din l-offerta waslet biex taghlaq. Huwa ppropona li ma' l-offerta ezistenti tat-tbattil tal-litter bins, jizdiedu wkoll it-tbattil tad-dog bins u tbattil ta' ashrays li se jehlu taht il-logog tac-centru civiku. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar.

Hrug ta' offerta ghat-tbattil u tindif ta' litter bins, dog bins u ashtrays

**22.00 Hrug ta' offerta ghall-Kisi ta' Toroq bil-hot asphalt u patching bil-cold asphalt**

22.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li dawn huma zewg tenders separati u li waslu biex jaghlqu t-tnejn li huma. Huwa ppropona biex dawn johorgu f'tender wiehed u li minnflok patching bil-cold asphalt, nohorguh bil-hot asphalt.

Hrug ta' offerta ghall-kisi ta' toroq bil-hot asphalt u patching bil cold asphalt

22.02 Il-Kunsillier Nazju Cassar sahaq li mill-esperjenza li ghandu, l-Kunsill ma jaqbillux li johrog tender wiehed peress li jkollna l-problemi mal-kuntrattur, specjalment fix-xitwa peress li jkollhom aktar xoghol u allura jdumu biex jitilghu. Huwa kompla billi qal li jekk it-tender tal-patching tohrog bil-hot asphalt, tigi tiswa hafna aktar milli jekk tohrog bil-cold asphalt. Ghaldaqstant, huwa ppropona li jinhargu zewg tenders separati u li t-tender tal-patching tohrog bil-cold asphalt. Issekonda din il-proposta s-Sindku Alexander Craus.

**23.00 Hrug ta' offerta ghall-kostruzzjoni ta' bankini**

23.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li din l-offerta waslet biex taghlaq. Huwa ppropona li din terga tohrog. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro.

Hrug ta' offerta ghall-kostruzzjoni ta' bankini

**24.00 Hrug ta' offerta ghas-sinjali tat-traffiku u sinjali tat-toroq**

24.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li din l-offerta waslet biex taghlaq. Huwa ppropona li din terga tohrog. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Hrug ta' offerta ghas-sinjali tat-traffiku u sinjali tat-toroq

**25.00 Hrug ta' kwotazzjoni ghall-hasil bil-power wash tac-centru u l-isqaqien**

25.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li din it-tip ta' kwotazzjoni qatt ma kienet harget qabel. S'issa dejjem hdimna bid-direct orders, pero peress li issa n-numru ta' sqaqien bil-crete print zdiedu, hemm bzonn li tohrog kwotazzjoni. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech.

Hrug ta' kwotazzjoni ghall-hasil bil-power wash tac-centru u l-isqaqien

**26.00 Hrug ta' kwotazzjoni ghall-IT Courses**

26.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li din it-tip ta' kwotazzjoni qatt ma kienet harget. Dejjem hdima b'direct order ma' kuntrattur wiehed. Ghaldaqstant, huwa ppropona li nohorgu l-kwotazzjoni sabiex jigu organizzati l-IT Courses gewwa l-lokalita taghna. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Robert Micallef.

Hrug ta' kwotazzjoni ghall-IT Courses

**27.00 Affarijiet Ohra**

27.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li hadd ma' xtara t-tender tal-PPP. Huwa ppropona li dan it-tender ma jerghax johrog. Il-Kunsillier Robert Micallef issekonda din il-proposta.

Tender tal-PPP

27.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li s'issa saru l-laqghat mar-residenti tal-blocks li ser isir

Hrug ta' offerta ghal xoghol ta'

| | | |
|---|---|---|
| | xoghol fuqhom dan is-sajf, li huma Blk A (Ent 1 – 8 ), Blk A (Ent 9 – 16), Blk D Dr 6, Blk E Dr 2, Blk F Dr 1. Gew iffurmati l-Ghaqda tar-Residenti tal-blokki rispettivi, kif ukoll gie mahtur Amministratur ghal kull wiehed minn dawn il-blokki. Il-pass li jmiss hu li tinhareg l-offerta sabiex ix-xoghol ikun jista jsir dan is-Sajf. Il-Kunsill approva. | manutenzjoni fuq il-binjiet tal-gvern (Skema 2011 – 2016) |
| 27.03 | Is-Sindku ppropona li sabiex il-Kunsill jahdem b'mod aktar efficcjenti hemm bzonn li jinbidlu uhud mill-pcs. Ghaldaqstant huwa talab li jinxtraw 4 Hard Drives u printer. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. | Xiri ta' IT |
| 27.04 | Il-Kunsillier Paul Grech ippropona li l-Kunsill jixtri microphone biex jitpogga fil-Kamra tal-Kunsill peress li membru fil-KA tal-Bahrija jbaghti minn nuqqas ta' smiegh. Issekonda din il-proposta s-Sindku Alexander Craus. | Xiri ta' microphone |
| 27.05 | Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill saritlu talba mill-Melita plc sabiex jinhargilhom permess biex jghaddu trinka fi Vjal il-Haddiem. Huwa talab li ssir laqgha maghhom li ghaliha attendiet ukoll il-perit tal-Kunsill fejn spjegawlna x-xoghol li kien ser jinvolvi. Huma talbuna li jhaffru trinka li tibda kantuniera ma' Triq il-Fejgel u twassal sa' kantuniera ma' Triq Bir ir-Riebu. Wara li saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera, gie deciz li peress li din it-triq tinsab fi stat dizastruz, m'huwiex possibbli li jinhargu aktar permessi ghal trinek fi Vjal il-Haddiem. | Trinka fi Vjal il-Haddiem |
| 27.06 | Il-Kunsillier Antoine Borg qal li kellmuh xi residenti minn Triq Santu Wistin peress li saru double yellow lines fuq iz-zewg nahat ta' din it-trejqa. Is-Sindku nformah li anke mill-Ufficcju ta' Dr. Chris Said bghatulna fuqhom. Huwa nfurmah li l-Kunsill kien applika biex isiru dawn is-sinjali peress li kien hemm min kien qed jipparkja l-karozza f'din it-trejqa ghad-detriment ta' nies b'dizabilita u ta' nies li jkunu jridu jghaddu bil-pushchair peress li din it-trejqa kienet qed tigi ostakolata. Dawn is-sinjali saru wara li nhareg il-permess mehtieg mit-Transport Malta. | Ilment – Double Yellow Lines fi Triq Santu Wistin |
| 27.07 | Il-Kunsillier Paul Grech talab li jsir xoghol ta' manutenzjoni bil-konkos f'Wied iz-Zebbug, Bahrija. Issekonda din il-proposta s-Sindku Alexander Craus. | Xoghol ta' konkos f'Wied iz-Zebbug, Bahrija |
| 27.08 | Il-Kunsillier Paul Grech ippropona li jinqata l-haxix mil-Landrijiet, l-Imtahleb, il-Fiddien, u Wied il-Buzbiez, kif ukoll li jsir tindif tal-Wied ta' Koronja u d-Dwejra. Issekonda dawn il-proposti s-Sindku Alexander Craus. | Qtugh ta' Haxix |
| 27.09 | Is-Sindku kkummenta dwar it-tabelli li twahhlu mill-kumpanija Arriva, fejn hafna minnhom fihom zbalji ta' ortografija. Il-Kunsillier Paul Grech offra li jdurhom u li jiehu r-ritratti ta' dawn li qeghdin hziena sabiex niktbu lil Transport Malta biex dawn jinbidlu. | Tabelli tat-Trasport Pubbliku |
| 27.10 | Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kumpanija General Soft Drinks talbuna biex nestendu l-iskema. Il-Kunsill ma laqghax din it-talba peress li fis-Sajf l-ufficcini taghna jifthu filghodu biss. | Skema tal-General Soft Drinks |
| 27.11 | Il-Vici Sindku Doris Coleiro talbet sabiex tinkiteb ittra lil Dr. Stephanie Xuereb fejn nitolbuha tipprovdielna 'staff' ghad-Day Centre ta' l-Anzjani taghna. Il-Kunsill approva. | Staff ghad-Day Centre |
| 27.12 | Is-Sindku nforma l-laqgha li bhalissa ghaddejjien bil-process ta' organizzar tas-sistema tal-filing u ghaldaqstant ippropona sabiex nixtru aktar xkaffar. Il-Kunsillier Robert Micallef issekonda din il-proposta. | Xiri ta' xkaffar |
| 27.13 | Is-Sindku ppropona li jsir xoghol ta' manutenzjoni gewwa r-Reception Area kif ukoll fil-kcina. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. | Manutenzjoni fuq ir-Reception Area u |

## 28.00 Aggornament

28.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 22 ta' Lulju 2011 fis-7.00 p.m. Aggornament

28.02 Il-laqgha ntemmet fid-9.30 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Ezekuttiv**